MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Numru 56/2003

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
Clive Spiteri, iben joseph, imwieled Pieta' fit-30 ta' ottubru, 1980
u
Roderick Agius, iben Anthony, imwieled Pieta' fid-19 ta' ottubru, 1983
u
Christian Micallef, iben Carmelo, imwieled Pieta' fl-24 ta' awissu, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess

dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. talli fil-25 ta' settembru, 2002 u fix-xhur ta' qabel, minn Birkirkara, ikkomettew serq ta' diversi oġġetti ta' l-ilma u elettriċi mill-imħażen tal-kumpanija Roger Satariano Ltd. liema serq hu kkwalifikat bil-ħin, bil-persuna u bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (lm1,000) għad-dannu tad-diretturi ta' l-istess kumpanija;
2. talli fis-27 ta' settembru, 2002 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi lokalitajiet f'dawn
il-Gżejjer, xjentement, laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ, u cioe' l-oġġetti msemmija aktar 'il fuq, misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sa f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom;
Christian Micallef, waħdu –
3. talli kiser l-ordni ta' probation a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien ġie misjub ħati, b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-3 ta' lulju, 2001 u lliberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' frar, 2003 fejn l-imputati ammettew l-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħhom u l-imputat Christian Micallef ammetta wkoll it-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' frar, 2003 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li
r-refurtiva ġiet irkuprata fil-maġġoranza tagħha u li l-valur in kwistjoni hu ta' inqas minn elf lira maltin.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża. Issib lill-imputati Clive Spiteri u Roderick Agius ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 261(ċ)(d)(f), 267, 268(d), 270, 279(a) u 280(1) tal-

Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152
tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mil-lum.  Issib lill-imputat Christian Micallef ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 261(ċ)(d)(f), 267, 268(d), 270, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------